# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum **l-Erbgha 14 ta' Gunju, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Raymond D'Anastas)**

**vs.**

**Claudio Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Claudio Muscat ta' 50 sena bin Emanuel u Lorenza nata Cassar imwieled Melbourne Victoria Australia fis-26 ta' Mejju 1957 u residenti 'Dolce Vita' Triq il-Franciz, Swieqi, detentur tal-Karta tal-Identita numru 427084M

Akkuzati talli:

1. Fl-1 t'April, 2005 f'Hal-Qormi fil-kapacita tieghu bhala l-persuna responsabbli minn Mahzen tal-Kumpanija 'Clamus' sitwat fi Triq it-Tigieg/John Mikiel Testa, Handaq limiti ta' Hal-Qormi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, kkaguna l-mewt ta' Carmel Sammut ID card numru 154782M.

2. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkustanzi bhala bniedem li jhaddem naqas mid-dmir li jizgura is-sahha u s-sigurta' tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol li jkun qieghed isir ghalih (Sec 6(1) Act 27/2000 Kap 424).

3. U aktar talli kif inhu d-dmir ta' min ihaddem u ta' kull persuna li jahdem ghal rasha li jaghmel, jew li jizgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficjenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurta' kollha li jistghu ikunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xoghol u li dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta' tal-haddiema u ta' persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, kif ukoll ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta' ta' persuni li jahdmu ghal rashon li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, kif ukoll ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta' ta' persuni ohrajn, inkluzi dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija tal-impriza naqas li jaghmel dan; (Art 10(1) AL 36/03).

4. Ukoll talli fejn kienu impjegati hames haddiema jew aktar, kellu izomm fil-pussess tieghu kopji bil-miktub jew li jistghu jinkisbu b'mod elettroniku ta' dawn l-evalwazzjonijiet, u kellu jizgura li jkunu aggornati regolarment u allura hu naqas li jaghmel dan; (Art 10(2) AL 36/03).

5. Akkuzat ukoll talli fl-ewwel t'April 2005 u/jew fi zminijiet ta' qabel din id-data fil-kapacita' tieghu ta' sid u/jew dik il-persuna responsabbli mill-mahzen sitwat fi Triq it-Tigieg/John Mikiel Test tal-Handaq limiti ta' Hal Qormi, naqas li jara li kull parank jew 'lift' installat f'post tax-xoghol taht il-kontrol tieghu, u cioe' fil-post hawn fuq imsemmi, jigi ezaminat minn persuna kompetenti darba kull sitt xhur u jibghat kopja ta' dan ic-certifikat lill-Awtorita' kompetenti u dan ai termini ta' l-artikolu 3(1)(3) ta' l-avviz legali 47/1964 (Factories Hoists and Lifts Regulations).

6. U fl-ahhar talli fl-istess zminijiet hawn fuq indikati, bhala persuna li jhaddem persuni ohra, kellu jipprovdi u jizgura li jkun hemm taht il-kontroll tieghu fil-hinijiet kollha sinjali ta' sahha u jew ta' sigurta' kif imiss u xierqa, u f'dawk il-kazijiet kollha fejn il-perikolu ma jistax jigi evitat jew adegwatament imnaqqas b'teknikalitajiet ghall-harsien kollettiv jew b'mizuri, metodi jew proceduri li jintuzaw fl-organizzazzjoni

tax-xoghol, jew fejn ir-riskji li jirrizultaw minn dawn il-perikoli ma jistghux jigu mnaqqsa adegwatament hlief permezz ta' twahhil ta' sinjali xierqa (AL 45/2002. Art 4(1)).

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali fil-25 ta' April, 2008[1], fejn deherlu li tista' tinstab htija taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikolu 6(1) u 38 tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikolu 10(1) ta' l-Avviz Legali 36 ta' l-2003;
(d) Fl-artikolu 10(2) ta' l-Avviz Legali 36 ta' l-2003;
(e) Fl-artikolu 3(1)(3) ta' l-Avviz Legali 47 ta' l-1964;
(f) Fl-artikolu 4(1) ta' l-Avviz Legali 45 ta' l-2002;
(g) Fl-artikolu 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2008 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. L-imputat huwa id-direttur u ghandu r-rapprezentanza gudizzjarja tas-socjeta Clamus Holdings Limited. Inoltre huwa *managing director* tal-istess socjeta.
2. Fl-1 ta' Marzu 2005, is-socjeta Clamus Holdings Limited impjegat lil Carmel Sammut bhala storekeeper, u dan gie assenjat xoghol fl-istore tas-socjeta gewwa Hal-Qormi.

[1] Ara fol. 137 tal-process.

Dan l-istore kien ta' hanut ta' stationery tal-istess socjeta, u fih kien jahdem Sammut biss.

3. B'Sammut inkluz, din is-socjeta kienet timpjega tmienja (8) min-nies.
4. Fl-istore fejn gie assenjat xoghol Sammut, kien maqsum fi tlett sulari: il-basement, il-groundfloor, u l-ewwel sular.
5. F'dan l-istore kien hemm *hoist lift* li l-imputat kien xtara circa tlett snin qabel l-incident in kwistjoni, minghand hanut li jbiegh l-*industrial machinery* fil-Mosta, li wara li spjegalhom x'ried, tawh parir x'tip ta' *hoist* ghandu jiehu u l-elementi tas-sigurta li ghandu jkun fih. Il-gagga kienet inhadmet minn persuna Maltija, u c-channels li jzommuha kienu tqieghdu minnha wkoll.
6. Il-mutur tal-lift, maghruf bhala "tal-katina", huwa wiehed *positive drive*, imdendel minn travu fuq nett. L-apparat tal-kontroll (jigifieri l-"pendant") tal-lift kien imdendel fix-shaft u kien twil bizzejjed biex thaddem il-lift miz-zewg sulari ta' fuq, jigifieri mill-groundfloor u mill-ewwel sular. Waqt kull operazzjoni ta' moviment tal-lift, bil-fors li l-haddiem ried ikun jew fil-*groundfloor* jew fl-ewwel sular, bil-bieb minn tas-sular miftuh sabiex il-pendant tal-kontroll li kien imdendel gewwa l-istess shaft ikun jista' jithaddem billi tinghafas il-*control button*, il-fuq jew l-isfel. Malli l-haddiem jieqaf jaghafas il-*control button*, il-lift jieqaf ukoll – dak li jissejjah *continuous pressure switch.*
7. Mill-provi irrizulta li l-lift kellu grada tal-hadid li kienet tissakkar b'firroll kbir minn barra.
8. Fix-xhieda tieghu, l-imputat ma ikkontestax li l-*hoist* qatt ma kien gie certifikat jew spezzjonat minn xi inginier kwalifikat f'dan l-apparat.
9. Ma kien hemm l-ebda avviz fl-istore li dan il-lift kien intiz ghall-merkanzija biss u/jew li jipprojbixxi li dan il-lift jirkbu fih in-nies. L-imputat xehed li hu kien dejjem jghid lill-haddiema tieghu, inkluz Charles Sammut biex ma jidhlux fil-lift. Pero l-qies tal-qafas tal-lift seta facilment jindika li persuni setghu jitilghu gewwa fih.
10. Dak in-nhar tal-incident, u cioe fl-1 t'April 2005, Charles Sammut kien wahdu fl-istore.
11. L-Espert Ingineer Nicholas Bellizzi irrelata hekk: *"Il-lift kien jinstab bejn zewg sulari (0 u -1), merfugh 'il fuq bil-props tal-hadid minn taht li kienu uzaw xi persuni waqt l-operazzjoni biex isalvaw il-haddiem (ara Ritratt Nr. 11). Meta inqatghet il-katina, il-haddiem inqabad bejn il-qafas tal-lift u s-sular u b'hekk il-piz tal-qafas tal-hadid kien qed jistrieh fuqu (ara pjanta Nru 3).*

*Il-bibien tas-sular kienu miftuhin waqt li l-haddiem kien qed jaghmel xi forma ta' movimenti bil-lift. L-appart tal-kontroll (jigifieri il-pendant) tal-lift kien imdendel fix-shaft u ghalhekk il-haddiem bil-fors kellu jesponi ruhu fil-perikolu biex ihaddem il-mutur (ara ritratti Nru 3 u 4).*

*Waqt il-hin ta' l-incident, il-mutur ma kienx qed jerfa' izjed minn 250kg ghax il-qafas tal-hadid kien jizen 220 kg u x-xoghol fuqu kien hemm xi 30kg. Ghalhekk il-katina kellha safety factor ta' mhux inqas minn 4 peress li l-mutur kien tal-1000kg (ara Ritratt Nr. 9). Irrid nigbed l-attenzjoni li l-katina trid terfa hafna izjed minn 1000kg biex tinqasam, u ghalhekk kien safe zgur (waqt li l-lift kien qed jigi zarmat, l-istess katina giet moghbija b'1200kg permezz ta' chain blocks u ma nqasmitx).*

*Bil-mod kif il-haddiem inqabad taht il-qafas tal-hadid juri li ghal xi raguni l-qafas wehel mal-gwidi tieghu u b'hekk ibbrejkja fil-post. Il-haddiem imbaghad iddendel mal-istess qafas u waqt li kien qed jissara mal-qafas biex igibu "free", beda ukoll jaghfas il-buttuna tal-mutur biex itella' l-lift il-fuq.*

*Izjed ma l-haddiem beda jaghfas il-buttuna biex il-lift jitla' 'l fuq, izjed beda izid il-piz fuq il-katina, sakemm il-katina inqasmet ... .... Il-partijiet l-ohra tal-lift li jerfghu 'l fuq bhal hook, end hook, u l-qabda mat-travu baqghu fil-post, mhux mittifsa (ara ritratti nr. 7, 8, 9 & 10). Il-bibien tas-sular kienu miftuhin. Jidher li l-haddiem kellu l-parti t-isfel ta' gismu fis-sular 0 u l-parti ta' fuq gewwa x-shaft waqt li kien qieghed jissara mal-qafas tal-hadid. Hekk kif inqasmet il-katina, il-qafas tal-hadid gie fuqu u nghasar mal-konkos (ara Pjanta Nr. 3). Infatti nies li taw l-ewwel ghajnuna qalu li l-haddiem kellu rasu gol-lift u minn qaddu l-isfel kien fis-sular."*

12. L-Espert Inginier Bellizzi identifika tlett nuqqasijiet fil-lift in kwistjoni, ibbazati fuq ir-rekwiziti preskritti min-Normi Ewropej (EN81):

(a) Il-bibien tas-sulari: *"Dawn il-bibien inhadmu lokalment u allavolja kienu ta' materjal tajjeb u sod, ma kellhomx electro-mechanical gatelocks biex jipprotegu nies fis-sular. Dawn il-gatelocks huma speci ta' switches li ma jhallux persuna tiftah il-bieb tas-sular dment li l-qafas tal-lift ma jkunx fl-istess sular. Fl-istess*

*hin, meta l-lift jasal fil-post mehtieg u jinfetah il-bieb, il-lift ma jistax jahdem bil-bieb miftuh. Fil-kaz taghna, dawn is-switches ma kinux prezenti u ghalhekk, persuna seta' jiftah il-bieb u jaqa' ghal isfel dment li l-lift ma kienx fis-sular jew inkella seta' jhaddem il-lift bil-bieb miftuh (ara EN81 – Section 7,7,2,1)."*

(b) L-indikazzjonijiet tas-sular: *"Skond EN81 Section 7,6,2,1, dawk il-lifts li jkollhom bibien tas-sular mhux awtomatiku jrid ikollhom indikazzjoni permezz ta' buttona li tixghel jew xort'ohra li jindika li wasal il-lift fis-sular qabel ma jkun jista' jinfetah il-bieb. Dan ma kienx il-kaz. Infatti wiehed jinnota li biex thaddem il-lift, trid bilfors bieb minn tas-sular miftuh ghax il-pendant tal-kontrol kien imdendel gewwa l-istess shaft (ara Ritratti Nr. 3,4,&5). Il-lazz tal-pendant kien twil bizzejjed biex thaddem il-lift miz-zewg sulari ta' fuq jigifieri 0 u +1. Waqt kull operazzjoni ta' movement tal-lift, bil-fors li l-haddiem kien ikun jew fis-sular 0 jew +1, bil-bieb miftuh.*

(c) Brejkijiet ta' Emergenza u Tabelli: *"Dan il-lift ma kellux brejkijiet t'emergenza, allura wiehed jifhem li kien ghall-merkanzija biss. Jekk dan hu l-kaz, fl-ebda sular ma kien hemm indikazzjoni li l-lift kien ghall-merkanzija biss (jigifieri "Goods Only") u l-anqas fuq il-qafas stess ma kien hemm tabelli addattati f'dan ir-rigward. Il-qies tal-qafas tal-lift seta'facilment jindika li persuni setghu jitilghu gewwa fih, allura wiehed jkun qieghed jipperikola hajtu minghajr ma jkun jaf. Minbarra hekk, in-natura tax-xoghol f'dan il-mahzen kien ta' moviment ta' materjal, inkluz kaxxi bil-karti, kartolini ecc. Dawn il-kaxxi jkunu tqal u probabbilment waqt il-garr taghhom ghal fuq il-lift, il-haddiem kien jitla' fuq l-istess lift biex jistiva x-xoghol qabel jiccaqlaq. Hawn ukoll kien hemm perikolu mhux avzat."*

13. L-Espert Inginier Bellizzi ikkonkluda illi: *"L-incident gara ghax il-katina nqasmet u il-haddiem ma kellu xejn mis-safety features imsemmija hawn fuq biex iwaqqfu milli jidhol fil-lift shaft."*

14. Il-haddiem Charles Sammut miet ftit sieghat wara l-incident.

15. Mill-provi jirrizulta li l-gradilja tal-lift inqalghet qabel l-incident, u b'hekk tnehhiet il-protezzjoni li ma jaqax xi hadd 'l isfel lejn ix-xaft jew li xi hadd jinqabad bil-lift.[2]

Il-Prosekuzzjoni qed tissottometti li dan l-incident ma kienx isehh li kieku l-imputat adempixxa mal-obbligazzjonijiet legali tieghu dwar il-lift, u senjatament:

1. Ghamel perjodikament bil-miktub evalwazzjoni xierqa, sufficjenti u sistematika tal-perikoli ghas-sahha u s-sigurta kollha li jistghu ikunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita tax-xoghol (Regolamenti 10(1) u (2) tal-Avviz Legali 36 tal-2003).
2. Meta gie installat il-lift u kull sitt xhur wara, li qabbad inginier sabiex jezamina l-lift biex jikkonstata li jkun ta' kostruzzjoni tajba, ta' materjal tajjeb u ta' sahha xierqa. (Regolament 3 tal-Avviz Legali 47 tal-1964).
3. Izomm sinjali ta' sahha u/jew sigurta' kif imiss u xierqa, partikolarment sinjali biex jipprojbixxu persuni milli jidhlu fil-lift in kwistjoni (Regolament 4(1) tal-Avviz Legali tal-2002.

Fit-trattazzjoni orali, l-Prosekuzzjoni issottomettiet li, li kieku l-imputat gab inginier biex jezamina l-lift u jaghmel *risk assessment* u jiccertifikah, zgur illi ma kienx japprova li jkompli jopera bis-sistema li kien qed jopera biha l-lift in kwistjoni.

Id-difiza mhux qed tikkontesta li l-imputat ma adempiex ma dawn it-tlett obbligi tieghu, pero qed tissottometti li anki li kieku l-imputat aderixxa ma dawn it-tlett obbligi, l-incident xorta wahda kien jigri.

Fix-xhieda tieghu, l-imputat Claudio Muscat jispjega fid-dettal kif il-haddiem kellu jhaddem il-lift:[3]

*"Mela x-xoghol mill-ground floor jinzel fil-basement. Il-merkanzija tinhatt fuq pallet tal-injam. Jitghabba fuqu, jaqbad il-pallitizer. Kif jistiva ix-xoghol fuq il-pallet, hemm pallitizer li jkun qisu b'zewg frieket li jidhol taht il-pallet, jilliftjawh, jifthu l-gate, il-bieb tal-hadid li qed jindika il-pallet gol-hoist, jirrilsjaw il-pallitizer, johorguh u jisladjawh lura 'l barra, tinghalaq il-gate tal-hadid, tillokkja, jinghalaq il-bieb tal-hadid, l-impjegat jinzel bit-tarag*

[2] Ara xhieda Kevin Gauci a fol. 149 tal-process.
[3] Ara xhieda ta' Claudio Muscat a fol. 174 *et seq.* tal-process.

*ghall-basement. Kif jinzel fil-basement jiftah bieb tal-hadid iehor. Qabel xejn, immur pass lura. Once li ghabba il-pallet u hareg il-pallitizer, ghalaq il-gate, hu jaqbad il-controller u jibda jnizzel il-hoist. … … Once li waslet mal-art, il-katina tillusja ghax ikun wasal mal-art u strah. … … Once li jnizzel il-hoist u wasal, jaghlaq il-bieb tal-hadid, jinzlu bit-tarag fil-basement. Fil-basement isib bieb tal-hadid iehor, jiftah il-bieb tal-hadid, jiftah il-gate tal-hoist u minn hemm jista jhott ix-xoghol, ghax il-hoist qieghed safe mal-art. … …*

*Il-grada hi ghal safety biex iddahhal ix-xoghol il-palletizer u ghalaqha u ma tistax tidhol go fiha ghax ma tahdimx u x-xoghol ma jaqax waqt li niezel il-hoist. Just in case qieghed fix-xifer xi pallet, qed jistrieh mal-gnub tieghu mhux jaqa. … … L-istruzzjonijiet tieghi dejjem kienu li fil-hoist qatt ma jidhol ghall-ebda cirkostanza … … ghax ghas-safety tal-haddiem, mhix safe. Ghax bhala lift kien tajjeb, imma wiehed m'ghandu qatt jidhol gewwa l-lift ghax huwa hoist tal-merkanzija biss."*

L-imputat jghid ukoll li l-grada kienet prevenzjoni biex il-haddiem ma jidholx fil-lift, ghax wara li jdahhal l-affarijiet fil-lift irid jghalaqha, u ma kienitx kbira bizzejjed biex tesa' pallet u bniedem fiha. In oltre, l-grada kienet tissakkar bil-lokkett minn barra. Fit-tieni lok il-wire tal-control panel ma kienx twil bizzejjed biex jinzel sal-basement, u ghalhekk, il-haddiem ma setghax jabbuza fih u jinzel gol-lift, imma ried bil-fors jinzel bit-tarag. In oltre l-wire kien twil circa zewg metri l-gewwa, u ghalhekk il-haddiem kellu spazju bizzejjed biex juzah minghajr ma joqghod mal-gate. L-imputat ikkonferma bil-gurament tieghu li hu kien spjega din il-procedura lil Charles Sammut.

L-imputat xehed li hu kien iqatta' diversi sieghat kuljum fl-istores biex jara x'inhu isir. Sa ftit sieghat qabel l-incident huwa kien fl-istore ma Sammut u Sammut kien qed jaghmel ix-xoghol tieghu normali.

Fit-trattazzjoni orali, id-difiza ssottomettiet illi anki kieku l-imputat adempixxa mal-obbligi imsemmija mill-Prosekuzzjoni, dan ma kienx ikun bizzejjed biex jipprevjeni milli jigri l-incident, u ma jexistix *nexus* bejn in-negligenza tal-imputat u l-incident li gara. Skond id-difiza, l-incident gara unikament minhabba n-negligenza jew nuqqas ta' hsieb ta' Sammut. Sammut kien jaf li ma kellux jidhol fil-lift, ghax kien hemm il-grada li tissakkar bil-lokkett minn barra. Meta ghal xi raguni, il-lift waqaf jahdem, minflok Sammut cempel lill-imputat jew lil xi hadd iehor fil-kumpanija sabiex jara ghaliex wehel, iddecieda li jipprova jsewwih

hu. Qala' l-grada tal-hoist, u dahal fil-hoist bil-control panel f'idu – haga li qatt ma kellu jaghmel. Il-katina tal-lift ma nqatghatx ghax kellha xi haga hazina fiha, jew kienet immermra jew kellha nuqqas ta' manteniment. Il-katina inqatghet peress li Sammut beda jaghfas il-control panel repetutament f'tentattiv sabiex il-lift jahdem, b'mod tali li zied il-piz fuq il-katina, sal-punt li din tqacctet.

Ghalhekk, id-difiza tissottometti li ma hemmx nexus dirett u naturali bejn in-nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, u d-dannu fatali li sehh, u li konsegwentement l-incident ma garax tort tal-imputat.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Richard Grech**, deciza fil-21 ta' Marzu 1996, il-Qorti tal-Appell Kriminali[4] irriteniet hekk:

*"3. L-omicidju kolpuz hu trattat fil-ligi taghna fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, gia l-Artikolu 239 fl-Edizzjoni tal-1942 ta' dak il-Kodici. Fis-sentenza taghha tal-4 ta' Frar, 1961, fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Perit Louis Portelli****, il-Qorti Kriminali, sedenti l-kompjant Imhallef Joseph Flores, kienet esprimiet ruhha b'dan il-mod a rigward ta' dan ir-reat:*

*"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-Art. 239 tal-Kodici Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti* ***generikament*** *f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni ("negligenza") jew ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni, jew konsistenti* ***specifikatament*** *f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita, b'ness ta' kawzalita, minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe, illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret." (Kollez. Vol. XLV.IV.903, emfasi ta' din il-Qorti).*

*"Kif jispjega l-gurista Taljan Francesco Antolisei biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-*

[4] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

*esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika – cioe l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari – tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.*

*"Sorgono per tal modo" ikompli dan l-awtur, "delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi socjali, com per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita, pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi. ... ... Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo puo muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita allo scopo di prevenire eventi dannosi (Antolisei, F., <u>Manuele di Diritto Penale, Parte Genereale,</u> Giuffre (Milano), 1989, pp. 332-323).*

*"Din il-Qorti taqbel perfettament ma' din l-esposizzjoni. In fatti l-artikolu 225 tal-Kodici kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem "nuqqas ta' hsieb", "traskuragni", u "nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni", fil-waqt li dawn ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem "nuqqas ta' tharis ta' regolamenti". Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti il-legislatur mhux qed jirreferi biss ghal legislazzjoni sussidarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.), izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhek qed jirreferi ukoll ghal dawk ir-regolamenti promulgati minn enti privati (per. ez., ir-regolamenti imfissra minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull minn jahdem jew jidhol f'dik il-fabbrika). In fatti, kemm fil-Codice Zanardelli kif ukoll fil-Codice Rocco, l-espressjoni uzata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline." Il-Qorti tikkonkludi dan il-punt billi tissottlinea li anke fil-kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz*

*ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita' ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament imprudenti jew negligenti mhux biss min jittraskura li jiehu dawk il-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarja tal-hajja, izda wkoll min jittraskura li josserva dawk il-prekawzjonijiet* specifikatament *preskritti minn xi awtorita'.*

… …

*5. Pero f'dan il-kaz hemm element iehor li jikkonkretizza n-negligenza tal-appellant: l-inosservanza ta' regolamenti. … … Meta si tratta tan-non-osservanza ta' dawn it-tip ta' regolamenti, il-kwistjoni tal-prevedibilita tal-hsara tassumi importanza minima:*

*"Il criterio della prevedibilita, se e veramente indispensabile per accertare l'imprudenza e la negligenza generica, non esplica, per l'incontro, alcuna funzione nei casi di colpa derivanti da inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline. In tale settore, siccome l'attivita' pericolosa e disciplinata da apposite regole, basta che sia accertata la violazione di una di queste perche sorga la responsabilita'; il che si spiega, considerando che l'inosservanza delle norme precauzionali sancite espressamente dalla autorita', di per se stessa concreta quell'imprudenza o negligenza che costituisce la caratteristica essenziale della colpa" (Antolisei, F., op. cit., p. 326).*

Din il-Qorti taqbel ma dan l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Kif diga inghad aktar il-fuq, mhux kontestat li l-imputat naqas li jadempixxi mal-ligi u r-regoli rigwardanti s-sigurta u s-sahha rigwardanti l-istallazzjoni u l-manutenzjoni tal-lift in kwistjoni. Ghalkemm dan il-lift kellu fih xi ftit *safety features,* skond ir-rapport tal-espert Inginier Nicholas Bellizzi, l-lift in kwistjoni kellu diversi nuqqasijiet ta' *safety features*, rikjesti min-normi Ewropej, u dan ir-rapport ma gie bl-ebda mod kontestat mid-difiza. Dan isahhah it-tezi tal-prosekuzzjoni illi li kieku l-imputat gab inginier biex jezamina l-lift u jaghmel *risk assessment* u jiccertifikah, zgur illi ma kienx jawtorizzah jopera bis-sistema li kien qed jopera biha l-lift in kwistjoni. Fil-fatt l-espert Inginier Bellizzi ikkonkluda illi: *"L-incident gara ghax il-katina nqasmet u il-haddiem ma kellu xejn mis-safety features imsemmija hawn fuq biex iwaqqfu milli jidhol fil-lift shaft."* Ghalhekk ma jistghax ikun hemm dubbju li n-nuqqas ta' tharis ta' regolamenti da parti tal-imputat, kienu kawza diretta u determinanti – anke jekk kif ser jinghad iktar l-isfel mhux necessarjament wahedha – tal-mewt ta' Sammut.

Id-difiza issottomettiet li anki kieku l-imputat adempixxa ma' l-obbligi legali tieghu, l-incident xorta kien isehh, ghax l-incident sehh tort tan-negligenza ta' Sammut stess. Il-Qorti tirrileva li skond il-proviso tal-Artikolu 6(1) tal-Kapitolu 464 l-obbligi tal-haddiema fil-qasam tas-sahha u sigurta' fuq il-postijiet tax-xoghol ma ghandhomx jeffettwaw il-principju tar-responsabbilta' ta' min ihaddem.

Ladarba gie pruvat li kien hemm il-ksur tar-regolamenti dwar l-istallazzjoni u l-manutenzjoni tal-lift in dizamina, il-kwistjoni dwar jekk kienx prevedibbli ghall-imputat li Sammut seta' inkonsultament kien se jipprova jirranga l-lift hu, meta dan ghal xi raguni waqaf jahdem, minflok isejjah l-ghajnuna tat-teknici, mhix rilevanti, stante li kien l-imputat stess li kien fl-ewwel lok mankanti fl-osservanza tar-regolamenti, u konsegwenza ta' dan, ikkrea an *unsafe working environment* ghal haddiema tieghu.

Ghalhekk anki jekk jirrizulta li Sammut seta' ikkontribwixxa hu stess ghas-sinistru bil-fatt li jidher li inkonsultament ipprova jirranga l-lift meta dan ghal xi raguni waqaf jahdem, dan xorta ma jezimix lill-imputat mir-responsabilita' tieghu bhala principal minn nuqqasijiet tieghu skond il-ligi. (ara b'analogija is-sentenza **Il-Pulizija vs. John Magro**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, [5] fil-11 ta' Dicembru 2008). Fis-sistema penali taghna, in-negligenza kontributorja tat-terz ma tezonerax lill-imputat mir-responsabbilita kriminali, sakemm ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru (**Il-Pulizija vs Paul Vassallo** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Ottubru 1954[6]).

Kif inghad, ghalkemm jista' jkun li Sammut ikkontribwixxa ghall-mewt tieghu stess, pero kien l-imputat li holoq l-ambjent essenzjali ghall-event dannuz billi holoq ambjent ta' xoghol – senjatament il-lift tal-merkanzija – li ma kellux is-*safety features* necessarji li tippreskrivi l-ligi, u naqas ukoll li jottempera ruhu mal-mizuri preskritti mil-ligi u r-regolamenti sabiex jigu evitati korrimenti jew mewt kagun ta' lifts, liema mizuri huma intizi ghal prekawzjonijiet adegwati fl-uzu tal-lift, sabiex il-haddiema li juzawh jinkorru l-inqas riskju possibbli ghal sahhithom jew addirittura hajjithom. Kieku l-imputat ottempera ruhu mal-ligijiet u r-regolamenti relevanti, Sammut ma kienx ikun jista' jaqla' l-grada li kien hemm fil-lift u jidhol fih, kif jidher li seta' ghamel. Certament, anke l-kuncett tal-*bonus pater familias* wahdu

[5] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono.
[6] Vol. XXXVIII-IV-883.

- minghajr il-htiega ta' regolamenti li jippreskrivu prekawzjonijiet specifici - kien jesigi li l-imputat ma jibdiex jopera dan il-lift, qabel ma jgib inginier biex japprova l-mod ta' kif kien gie installat, u li jigi ezaminat regolarment minn inginier.

Ladarba giet stabbilita n-negligenza specifikatament tal-imputat fil-kaz odjern, kif ukoll in-ness ta' kawzalita bejn l-ghemil negligenti tieghu u l-mewt ta' Sammut, din il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' omicidju involontarju taht l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali.

Rigward ir-reati l-ohra kontemplati fl-artikolu 6(1) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta, fir-regolamenti 10(1) u (2) ta' l-Avviz Legali 36 ta' l-2003, fir-regolamenti 3(1) u (3) ta' l-Avviz Legali 47 ta' l-1964 u fir-regolament 4(1) ta' l-Avviz Legali 45 ta' l-2002, dawn jirrizultaw ampjament pruvati kemm mix-xhieda tal-Awtorita' dwar is-Sahha u Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol, kemm mill-espert Inginier Bellizzi kif ukoll minn dak li xehed l-imputat innifsu. Ghalhekk din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddilunga dwarhom.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Il-Qorti ikkunsidrat li l-fedina penali tal-imputat ghalkemm m'hix wahda allarmanti, lanqas hija wahda nadifa ghal kollox. Huwa ghandu sbatax (17)-il kundanna minn dawn il-Qrati, il-maggoranza assoluta taghhom relatati mal-ligijiet ta' bejgh minn fuq il-monti jew minn postijiet ohra minghajr ma ottjena il-permessi necessarji tal-Pulizija u bejgh ta' affarijiet minghajr indikazzjoni tal-prezz taghhom, kundanna ghal bejgh ta' deheb u fidda minghajr it-timbri tal-Gvern necessarji, u zewg kundanni li ma ssottomettiex id-denunzji tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fiz-zmien preskritt.

Ghal fini ta' piena, ir-reati l-ohra kontemplati fl-artikolu 6(1) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta, fir-regolamenti 10(1) u (2) ta' l-Avviz Legali 36 ta' l-2003, fir-regolamenti 3(1) u (3) ta' l-Avviz Legali 47 ta' l-1964 u fir-regolament 4(1) ta' l-Avviz Legali 45 ta' l-2002 huma assorbiti fir-reat ta' omicidju involontarju, stante li servew bhala mezz ghall-fini, ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali, biex gie kommess l-istess reat ta' omicidju involontarju.

Min-naha l-ohra, ghall-fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni dak li qal l-Ufficjal tal-Awtorita dwar is-Sahha u Sigurta David Saliba, fit-trattazzjoni orali, li l-imputat ma hux xi bniedem *"cowboy"* u li hu bniedem genwin, u fix-xhieda tieghu ammetta mill-ewwel x'ma ghamilx u l-affarijiet li ma kellux, u ghalhekk, piena ta' habs effettiv m'hix piena idonea ghal kaz odjern.

Inoltre, kif diga' inghad, ghalkemm in-nuqqas ta' tharis tar-regolamenti da parte tal-imputat kienet il-kawza tal-mewt, mill-provi irrizulta, ghar-ragunijiet spjegati iktar il-fuq, li seta' kien hemm ukoll l-kontributorjeta' min-naha tal-vittma ghas-sinistru li sehh. Din il-kontributorjeta' certament ghandha tigi riflessa fil-piena.

Ghalhekk, il-Qorti hija tal-opinjoni li tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, la piena karcerarja effettiva u lanqas wahda sospiza, m'hi idonea ghal kaz odjern, imma l-piena ghandha tkun wahda pekunjarja, mhux fil-massimu taghha.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 225 u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 6(1) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolamenti 10(1) u (2) ta' l-Avviz Legali 36 ta' l-2003, fir-regolamenti 3(1) u (3) ta' l-Avviz Legali 47 ta' l-1964, u ir-regolament 4(1) ta' l-Avviz Legali 45 ta' l-2002, issib lill-imputat hati tar-reati kontemplati f'dawn l-artikoli tal-ligi u regolamenti u, bl-assorbiment tar-reati minuri fir-reat ta' omicidju involontarju, tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' tmint elef Euro (€8,000.00), li ghandha tithallas minnufih. F'kaz li l-hati jonqos li jhallas din il-multa, din ghandha tigi konvertita fi prigunerija, skond il-ligi, bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' elf tlett mija u wiehed u hamsin Euro u seba' u disghin centezmu (€1351.97) – ekwivalenti ghas-somma ta' hames mija u tmenin Lira Maltija u erbghin centezmu (Lm580.40) - li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos

li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**